KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 012/2019

20 ta' Dicembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Vici-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: NIL

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Christopher Bruno - Kunsillier

### ASSENTI:

Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgha

**12.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

12.1.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qara ittra li permezz taghha l-Kunsillier Christopher Bruno kien talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu minhabba ragunijiet personali. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza tal-Kunsillier Bruno kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

**12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

12.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 11 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

12.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sa. Maria Sultana, il-minuti ġew approvati nem.con

**12.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kien ghamel l-evalwazzjonijiet tieghu kien qieghed jirrakkomanda illi s-Sinjuri Deemer Bilocca, Maria Dolores Camilleri, Brian Loffreda u Martin _______________ jinghataw il-massimu ta' 6% bhala *performance bonus.*
Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi l-impjegati kellhom jinghataw il-massimu ta' 5% bhala performance bonus.

12.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hadem bil-ghan illi jigi mfassal abbozz ta' estimi finanzjarji ghas-sena 2020. Is-Sindku, filwaqt li sahaq illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall waqt is-seduta ta' Jannar 2020 informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi l-istess materja kienet gie diskussa wkoll waqt il-laqgha annwali li kienet inzammet matul Dicembru 2019.

12.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet intbaghtet ittra sabiex hekk kif maqbul jigi estiz it-terminu tas-sur Duncan Hall bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

12.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li kien zamm ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali tal-Isla, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jaqbel fil-principju illi jigi implimentat fil-lokalita' progett bl-isem ta' *Nextbike.*

12.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej process ta' ppjanar ghal rilokazzjoni ta' sigar tal-palm b'konnessjoni ma' progett ta' rigenerazzjoni li kien ser ikun qieghed jigi implimentat fil-lokalita'.

12.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kienu avvicinawh xi residenti b'konnessjoni ma' wesgha minghajr isem fiz-zona ta' Rinella Housing Estate, kien ser ikun qieghed jara illi l-istess materja tigi diskussa waqt laqgha ghar-residenti li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed izomm b'konnessjoni mal-progett pilota 'il-Kunsill Qribek'.

12.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera bi problema li kien hemm b'konnessjoni ma' sigra li kien hemm fi Triq iz-Zebbug. Kien hemm qbil illi kellha tintbaghat korrispondenza lill-Awtorita' tal-Artijiet dwar il-materja.

12.3.8 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-progett SEABIN li kien qieghed jigi implimentat fil-lokalita'.

12.3.9 Is-Sindk informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie konkluz il-process ta' installazzjoni ta' pjanti b'konnessjoni mal-Urban Greening Project. Is-Sur Aquilina sahaq illi l-contracts manager kien ser ikun qieghed jivverifika l-kwantita' ta' pjanti li kienu gew imhawla qabel jigi processat il-hlas dovut.

12.3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien wasal fil-final il-process li permezz tieghu kienu ser ikunu qieghdin jitqassmu eco-bags lir-residenti kollha. Is-Sur Aquilina sahaq illi l-progett kien ser jimmaterjalizza grazzi ghal fondi li l-Kunsill Lokali kien kiseb minghand l-agenzija LESA.

## 12.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.4.1 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa jekk kienx possibbli illi minn Jannar 2020 isir monitoragg tal-impjegati tal-kuntratturi bil-ghan illi jigi zgurat illi kienu qieghdin jithallsu l-bolla u t-taxxa hekk kif dovut.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi ssorveljata mill-*contracts manager* tal-Kunsill Lokali.

12.4.2 Is-Sur Vincent Bongailas qal illi lift li kien ippjanat li jigi installat biswit *Esplora* kien wasal fil-fazijiet finali tax-xogholijiet u kien ippjanat illi l-istess struttura tkun tiffunzjona f'qasir zmien.

12.4.3 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa jekk setghetx tittiehed xi tip ta' azzjoni rigward vetturi mitluqin f'diversi toroq tal-Kalkara minghajr licenzja u/jew polza ta' assikurazzjoni.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jigbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet responsabbli dwar il-materja.

12.4.4 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa lis-Sindku jekk kienx possibbli illi tinkera mechanical sweeper ghar-regjun ta' Kottonera. Is-sur Bongailas sahaq illi minn ricerka li ghamel l-ispejjez relatati mal-inizjativa ma kellhom ikunu daqshekk projbitivi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qiegħed jipproponi illi l-materja tiġi diskussa waqt seduta tar-Reġjun Xlokk.

12.4.5 Is-Sa. Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat, nhar id-19 ta' Diċembru 2019 kienet ittellgħet attivita mill-Kunsill Lokali, liema attivita' kellha attendenza tajba mir-residenti.

12.4.6 Il-Kunsilliera Speranza Chircop għaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar kors tal-bizzilla li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jippjana li jtella'

**12.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

12.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' ħlasijiet (Skeda nru11/19) għall-approvazzjoni.

12.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**12.6 Mozzjonijiet**

12.6.1 Ma kienx hemm

**12.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:05p.m. wara li giet eżawrita l-agenda u giet aggornata għall-14 ta' Jannar 2020 fl-4:00p.m.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Duncan Hall**
Deputat Segretarju Eżekuttiv